**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Dicembru 2022**

**Rikors Numru: 43/2013 MLF**

**Carmelo Farrugia Melfar Ltd**

**vs**

**Maria Rita Galea**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, seba' mija u tmienja u sittin ewro u erbghin centezmu ta' ewro (€6768.40) rapprezentanti:
   (i) it-total tal-fatturi illi kopja taghhom hija hawn annessa u markata Dok. A. u B;
   (ii) imghaxijiet ta' elf, tliet mija u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu ta' ewro (€1380.68) kalkolati sad-data tas-6 ta' Frar, 2013; u

   Thallas ukoll dawk l-imghaxijiet kummercjali ulterjuri illi jkunu dekorribbli mis-7 ta' Frar, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

   Bl-ispejjez, inkluzi wkoll l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju bin-numru 302/13 mahrug kontra l-konvenuta.

U dana qieghed jintalab umilment mir-rikorrenti in vista tal-fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) diga' ippronuncjat ruhha illi ma hemmx raguni valida ghalfejn l-istess intimata m'ghandhiex thallas is-somma pretiza, u dana kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet Maria Rita Galea vs Carmelo Farrugia Melfar Ltd. (deciza nhar is-16 ta' Lulju, 2012) (Appell Civili Numru 8/2011) izda l-istess intimata baqghet inadepjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-istess somma u kwindi, r-rikorrent ma kien ghad baqghalu l-ebda triq ohra hlief dik illi jirrikorri ghand din il-Qorti permezz tal-prezenti.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi qabel xejn mhux talli s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l- Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Lulju, 2012, riferenzjata fir-rikors promotur, ma kkonfermat bl-ebda mod illi s-socjeta' rikorrenti ghandha tithallas it-total tal-fatturi datati s-27 ta' Ottubru, 2009 u t-3 ta' Dicembru, 2009 esebiti mill-istess socjeta' rikorrenti, izda jinghad espressament f'dik is-sentenza illi t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur seta' jiddeciedi biss in rigward ta' l-ewwel fattura (27 ta' Ottubru 2009) u mhux ukoll in rigward tat-tieni fattura (3 ta' Dicembru, 2009).

   ii. Illi t-talba ghall-hlas ta' kull ammont pretiz skont l- imsemmija fattura tat-3 ta' Dicembru, 2009 hi preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

   iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz skont l-imsemmija tieni fattura mhuwiex dovut lis-socjeta' rikorrenti.

   iv. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imghaxijiet pretizi skont ir-rikors promotur mhumiex dovuti lis-socjeta' rikorrenti.

3. Rat is-sentenza parzjali tal-24 ta' Novembru 2014 li permezz taghha din il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta. Fl-istess sentenza, din il-Qorti wkoll ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.[1]

[1] Ara s-sentenza a *fol*. 33 tal-process.

4. Rat id-digriet tas-16 ta’ Novembru 2015 li permezz tieghu din il-Qorti laqghet it-talba maghmula mill-konvenuta bir-rikors taghha tat-12 ta’ Marzu 2015 u awtorizzatha tipprezenta risposta ulterjuri.

5. Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi permezz taghha hija qeghda teccepixxi l-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 in rigward il-fattura datata t-3 ta’ Dicembru, 2009 u riferenzjata fir-rikors promotur.

6. Rat il-verbal ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Marzu 2016 fejn iddiferiet il-kawza ghal provi limitatament dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta.

7. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

8. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. B’din il-kawza s-socjeta’ attrici qeghda titlob minghand il-konvenuta l-hlas ta’ zewg fatturi, u cioe’ wahda datata 27 ta’ Ottubru 2009 fl-ammont ta’ €1,928.37 u ohra datata 3 ta' Dicembru 2009 fl-ammont ta’ €3,459.35. Din l-ahhar fattura tikkonsisti f’lista ta’ diversi servizzi, fosthom xoghol ta’ alterazzjoni, fornitura ta’ diversi oggetti u l-installazzjoni taghhom.[2]

   ii. Fit-2 ta’ Gunju 2010 il-konvenuta kienet ressqet talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, liema talba kienet giet deciza b’mod definittiv permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Lulju 2012.

[2] Ara l-fatturi immarkati Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-process.

Fil-kunsiderazzjonijiet taghha, dik il-Qorti irriteniet illi: *"...u certament allura li l-kont kif rikjest ghall-lifts fl-ammont attwalment ta' €1,928.37, portata tal-invoice indikata tas-27 ta' Ottubru 2009, mertu tal-kawza odjerna kif inghad, u l-unika pendenza li kien hemm quddiem l-istess Tribunal, huwa dovut u dan ghaliex ma jirrizultax li kien hemm il-ftehim allegat mill-appellata..."*.[3]

iii. Il-konvenuta xehdet li ghalkemm is-servizzi indikati fil-fatturi tas-27 ta' Ottubru 2009 u tat-3 ta' Dicembru 2009 inghataw lilha mis-socjeta' attrici, hi tikkontendi li "*mhux kollox tajjeb kien*".[4] Sussegwentement, il-konvenuta regghet xehdet f'dawn il-proceduri u mistoqsija b'mod specifiku jekk hi ghandhiex taghti lis-socjeta' attrici l-ammont indikat fil-fattura tat-3 ta' Dicembru 2009, il-konvenuta wiegbet *"Le, m'ghandhix naghtih"*.[5]

iv. Emanuel Borg, *lift technician* mas-socjeta' attrici, xehed li hu bhala impjegat tas-socjeta' attrici kien wettaq xoghol fir-residenza tal-konvenuta relatat mal-installazzjoni ta' zewg *chair lifts*. In oltre, kien ukoll ezegwixxa xoghol iehor fuq struzzjonijiet tal-konvenuta stess, liema xoghol huwa indikat fil-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009. Xehed li l-konvenuta qatt ma kienet ilmentat mieghu dwar dawn ix-xogholijiet.[6]

v. Joseph Farrugia, Direttur tas-socjeta' attrici, xehed li permezz ta' *email* datata 13 ta' Novembru 2012 mibghuta mill-avukat tal-konvenuta Dr Daniela Cassar, il-konvenuta kienet offriet li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5,602.39. F'dan ir-rigward, f'din l-email jinghad hekk: *"Fit-tieni lok, il-klijenta tieghi disposta illi taghmel pagament ta' Eur5602.39 (liema somma teskludi l-imghax kummercjali), u dan ghas-saldu ta' kull pretensjoni li l-klijent tieghek jista' jkollu."*[7]

---

[3] Ara pagna 6 tas-sentenza fl-ismijiet *Maria Rita Galea vs Carmelo Farrugia Melfar* a tergo ta' *fol.* 6 tal-process.
[4] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-konvenuta a *fol.* 17 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-konvenuta a *fol.* 95 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Emanuel Borg a *fol.* 21 tal-process.
[7] Ara x-xhieda ta' Joseph Farrugia a fol. 98 u Dok JF1 a *fol.* 105 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. F'din is-sentenza ser tigi trattata biss l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta li permezz taghha hija eccepiet li t-talba attrici fir-rigward tal-fattura datata t-3 ta' Dicembru 2009 hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

10. L-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

*"2149. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu."*

11. Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra jekk il-kuntratt ta' bejn il-partijiet jaqax fil-parametri ta' din id-disposizzjoni tal-ligi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Sapienza vs Walter Antignolo** datata 5 ta' Dicembru 1935 il-Qorti tal-Kummerc irriteniet:

*"Illi fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni l-attur issottometta illi l-art. 1912*[8] *mhux applikabili. Dak l-artikolu jirriferixxi ghal xoghol illi l-persuna tkun ghamlet lil hadd iehor "a minuto" jew bid-dettall. L-artikolu sussegwenti jghid illi jikkontempla l-azzjoni "of builders of ships or other vessels and of contractors for other constructions or other works in wood, stone, or other substances, for the works performed by them or for materials furnished by them". Dan l-artikolu, a distinzjoni ta' dak ta' qabel, jipprezumi li kien hemm, kif tghid id-dizzjoni taljana, "intraprenditori ……... di materie per le opere da loro eseguite, o per materiali da loro forniti"; u ghalhekk jipprezumi li kien hemm xi kuntratt bejn il-partijiet ghall-fornitura ta' l-affarijiet. Infatti mastrudaxxa ghall-prezz tax-xoghol tieghu huwa certament kolpit mid-dizzjoni ta' l-art. 1912; imma mastrudaxxa li jassumi appalt ta' fornitura ghal fini determinat ma jistax jaqa' taht dik id-dizzjoni, imma jmur taht l-art. 1913*[9]*;"*

---

[8] Korrispondenti ghall-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili
[9] Korrispondenti ghall-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili

12. Mill-povi prodotti jirrizulta li s-servizzi rezi mis-socjeta’ attrici indikati fil-fattura datata 3 ta’ Dicembru 2009 ma kienux limitati ghall-fornitura ta’ materjal, izda s-socjeta’ attrici ipprestat ukoll il-mano d’opera sabiex il-materjal supplit jigi nstallat, u b’hekk huwa evidenti li l-kuntratt ta’ bejn il-kontendi kien wiehed ta’ appalt. Minn dan isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz odjern hija dik ta’ sentejn mahsuba fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

13. Ghalkemm f’dan il-kaz l-avukati difensuri tal-partijiet ma ghamlux trattazzjoni u lanqas ressqu sottomissjonijiet fir-rigward tal-eccezzjoni taht ezami, matul l-andament tal-proceduri tqajjmet il-kwistjoni jekk f’dan il-kaz ghandux japplika l-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat permezz tal-Att Numru I tal-2017. Qabel dawn l-emendi, l-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili kien jitfa’ l-oneru li jsejjah lil min jecepixxi l-preskrizzjoni u jitolbu jiehu l-gurament decizorju fuq il-parti attrici. Madankollu, bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017 u li dahlet fis-sehh fit-13 ta’ Jannar 2017, il-legislatur ittrasferixxa dan l-obbligu ghal fuq min iressaq l-eccezzjoni li jiehu l-gurament minn jeddu, ghaliex fin-nuqqas ma jkunx jista’ jibbenefika mill-preskrizzjonijiet indikati fl-istess Artikolu.

14. Fil-kaz odjern, il-konvenuta ressqet din l-eccezzjoni taghha permezz tar-risposta ulterjuri datata 1 ta’ Marzu 2016, u ghalhekk qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi ghall-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili introdotti bl-Att I tal-2017. F’dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Sergio Manche vs Carmel sive Charles Grech** deciza fil-5 ta’ Ottubru 2018, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*“7. Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju gdid imressaq mill-attur waqt is-smigh tal-appell, viz. illi meta ressaq l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-gurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodici Civili.*

*8. Dan l-aggravju huwa hazin. Il-htiega li min iressaq eccezzjoni ta’ preskrizzjoni jaghti wkoll il-gurament li jrid l-art. 2160 iddahhlet bis-sahha ta’ emendi maghmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l-konvenut ressaq l-eccezzjoni fit-twegiba tieghu pprezentata fl-20 ta’ Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-sehh u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega tal-gurament. Huwa minnu li l-kawza ghadha ma nqatghetx, u illi ligijiet procedurali japplikaw minnufih, ukoll ghal kawzi li*

*jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda ghal-ligi procedurali izda jkunu ghadhom pendenti, izda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi gà miksuba, bhal ma hu l-helsien minn dejn li jkun gà nkiseb meta l-ligi l-gdida tidhol fis-sehh. Fil-kaz tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqghet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eccezzjoni relattiva, l-eccezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara."*

15. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, u tenut kont li r-risposta ulterjuri giet intavolata mill-konvenuta qabel id-dhul fis-sehh tal-emenda ghall-Artikolu 2160, il-ligi applikabbli fil-kaz *de quo* hija dik vigenti qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi.

16. Minkejja dan, u ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti tqis li f'dan il-kaz waqt is-seduta tas-26 ta' Gunju 2017 il-konvenuta xorta wahda deherilha li b'referenza ghall-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009 minn jhedda u bil-gurament taghha tiddikjara li *"Le, m'ghandhix naghtih"*[10]. Ghal din il-Qorti, tali dikjarazzjoni tal-konvenuta hija bizzejjed sabiex tissodisfa dak mehtieg bl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, u dan ghaliex il-parti li tecepixxi l-preskrizzjoni ma ghandhiex ghalfejn tipprovdi ukoll raguni ghaliex hi mhijiex debitrici.

17. Imiss issa li jigi determinat minn meta beda jiddekorri t-terminu preskrittiv. Fil-kaz odjern ma ingabitx prova konkreta tad-data li fiha bdew u waqfu x-xogholijiet indikati fil-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009, liema prova kienet tinkombi fuq il-konvenuta ladarba hija qeghda tinvoka l-preskrizzjoni. F'dan ir-rigward, matul ix-xhieda tieghu in kontro-ezami Joseph Farrugia xehed li hu ma jiftakarx ezattament id-data meta tlestew ix-xogholijet, izda li l-fattura *"Gieli harget aktar malajr. Gieli damet"*.[11] Ghalhekk il-Qorti tqis li fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta' attrici, it-terminu preskrittiv beda ghaddej mid-data ta' din il-fattura, u dan tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili u cioe' li: *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

[10] Ara x-xhieda tal-konvenuta a *fol.* 95 tal-process.
[11] Ara x-xhieda ta' Joseph Farrugia a *fol.*19 tal-process.

18. Issa f'dan il-kaz is-socjeta' attrici, intavolat il-proceduri odjerni fil-11 ta' Frar 2013 u ghalhekk ferm wara d-dekors ta' sentejn mid-data tal-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009. Kif jirrrizulta mix-xhieda ta' Joseph Farrugia, qabel dawn il-proceduri s-socjeta' attrici ma kienitx intavolat att gudizzjarju li seta' jikser it-terminu preskrittiv kif mahsub fl-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili.

19. Madankollu dan ma huwiex l-uniku mod kif t-terminu tal-preskrizzjoni jista' jigi interrott jew sospiz. L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jippreskrivi li *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja"*, imbaghad l-Artikolu 2134 jipprovdi li *"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih."*

20. F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo pro et noe** deciza nhar l-14 ta' Marzu 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[12] irriteniet illi:

*"Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu" (Kollez. Vol. XLIII pII p744; Vol XLV pII p632).*

*Jibqa' dejjem pero` obbligu ta' min jeccepixxi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha, u kif rilevat f'bosta decizjonijiet "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX pI p989), u f'kaz ta' dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt (Kollez. Vol. XXXII pI p44)."*

[12] *Per* Imhallef Philip Sciberras

21. Joseph Farrugia, direttur tas-socjeta' attrici, esebixxa *email* datata 13 ta' Novembru 2012 mibghuta lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici mill-avukat li kienet tippatrocina lill-konvenuta fiz-zmien qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, u li fiha kienet saret offerta ta' pagament mill-konvenuta tramite l-avukat taghha.[13] Madankollu din l-istess *email* datata 13 ta' Novembru 2012 giet esebita ukoll, bhala parti minn sensiela ta' *emails,* mill-avukat difensur tal-istess socjeta' attrici meta xehdet f'dawn il-proceduri.[14] Ghal xi raguni li din il-Qorti mhux ser tidhol fiha, jirrizulta li hemm diskrepenza fiz-zewg verzjonijiet ta' din l-*email* esebiti in atti, u dan stante li filwaqt li fl-*email* ezebita mill-avukat tas-socjeta' attrici (Dok JF3) jirrizulta li tali offerta kienet qeghda ssir *"Minghajr Pregudizzju"*, dawn il-kliem ma jidhrux fil-verzjoni tal-istess *email* ezebita minn Joseph Farrugia (Dok JF1). In vista ta' din id-diskrepanza, il-Qorti tqis li l-verzjoni awtentika ta' din l-*email* hija dik li tikkontjenti l-frazi *"Minghajr Pregudizzju"* esebita mill-avukat difensur tas-socjeta' attrici.

22. Fir-rigward tal-valur probatorju ta' dokument li jindika li kienet saret offerta "minghajr pregudizzju" bejn il-partijiet f'kawza, fis-sentenza fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** moghtija fis-26 ta' Settembru 2013, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[15] spjegat:

*"Illi, bhala regola, m'ghandhiex titqies prova jew dokument ta' dak li l-partijiet ikunu kitbu, semmew, ghamlu jew iddiskutew "minghajr pregudizzju" qabel jew waqt li kawza tkun miexja. Dan jinghad ghaliex dokument jew prova bhal dik titqies privileggjata u rizervata, b'mod li dak il-privilegg huwa wiehed kongunt bejn dawk kollha li dik il-prova jew dak id-dokument kien jirreferi ghalihom, jorbothom kollha, u jinhall biss jekk kemm-il darba tintwera r-rieda tal-partijiet kollha involuti. Din ir-regola hija wahda msejsa fuq l-ordni pubbliku u mahsuba li thajjar lil min dahal fi kwestjoni ma' haddiehor biex ilkoll jipprovaw jaslu biex isibu tarfha barra l-Qorti u bla ma jifthu kawza jew itawluha. L-imsemmija regola, li m'hijiex wahda inflessibbli u ghandha l-eccezzjonijiet taghha fejn jixraq (izda li ma joqoghdux ghall-kaz tal-lum), tghodd ghall-kontenut tad-dokument li jkun, u ma zzommx milli dak id-dokument*

[13] Ara Dok JF1 a fol 105 tal-process
[14] Ara Dok JF3 a fol. 114 tal-process.
[15] *Per* Imhallef Joseph R Micallef, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza datata 27 ta' Ottubru 2017

*jitressaq bhala prova tad-data meta jkun sar jew tal-fatt li jkun tassew inkiteb, jew jekk dak li jkun inkiteb fih ma jkollux x'jaqsam mal-kwestjoni li tkun quddiem il-Qorti."*

23. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, minn ezami tal-korrispondenza li ghaddiet bejn l-avukati tal-partijiet, din il-Qorti tqis li dawn kienu jifformaw parti minn trattativi bl-iskop li jwasslu ghal transazzjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk u b'mod partikolari l-*email* datata 13 ta' Novembru 2012 li kienet tikkontjeni offerta li saret "minghajr pregudizzju" ma ghandux ikollha valur probatorju ghall-fini ta' ksur tal-preskrizzjoni kif mahsub fl-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili.

24. Fir-rigward imbaghad tal-ittra datata 29 ta' Settembru 2011 mibghuta lis-socjeta' attrici mill-avukat tal-konvenuta b'*cheque* fl-ammont ta' €1,398,[16] dan ma jista' qatt jitqies bhala hlas akkont tad-dejn li jikser il-preskrizzjoni kif previst fl-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili. Dan qieghed jinghad ghaliex kif jirrizulta b'mod car mill-ittra, dan il-pagament kien qieghed isir b'referenza ghas-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fit-22 ta' Settembru 2011 u li kienet tirrigwarda l-fattura datata 27 ta' Ottubru 2009, u mhux il-fattura mertu tal-eccezzjoni in ezami. Ghalhekk, il-hlas maghmul mill-konvenuta bl-ittra datata 29 ta' Settembru 2011 ma ghandux l-effett li jikser il-preskrizzjoni fir-rigward tal-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009.

25. Dan ifisser li l-azzjoni attrici fir-rigward tal-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009 hija preskritta skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili stante li ghadda z-zmien li fih s-socjeta' attrici kellha l-jedd li tfittex ghall-hlas. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta ser tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

26. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

[16] Ara Dok. JF 2 a fol. 106 tal-process.

1. tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta u b'hekk tiddikjara li t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuta relattiva ghall-fattura datata 3 ta' Dicembru 2009 hija preskritta skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, u
2. tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi fir-rigward tat-talbiet rimanenti tas-socjeta' attrici.

27. L-ispejjez ta' din is-sentenza parzjali jigu subiti mis-socjeta' attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**